

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2151**tas-17 ta' Diċembru 2020****li jstabilixxi regoli dwar l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti D tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tistabilixxi rekwiżiti ġenerali dwar l-immarrar ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li spiss jintremew b'mod inadegwat. L-immarrar għandu jinforma lill-konsumaturi bil-preżenza ta' plastik fil-prodott; bil-mezzi għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott; u bl-impatt negattiv fuq l-ambjent li jirriżulta mir-rimi bl-addoċ jew minn mezzi oħra inadegwati għar-rimi tal-iskart tal-prodott.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tirrikjedi li l-Kummissjoni tistabilixxi speċifikazzjonijiet armonizzati għall-immarrar ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti D tal-Anness tagħha. Jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet armonizzati għall-pożizzjoni, id-daqs u d-disinn tal-immarrar iqisu l-gruppi differenti ta' prodotti koperti. Il-format, il-kuluri, ir-riżoluzzjoni minima u d-daqs tat-tipa li għandhom jintużaw, jenħtieġ li jiġu speċifikati sabiex jiġi żgurat li kull element tal-immarrar ikun viżibbli għalkollox.
- (3) Il-Kummissjoni evalwat l-immarrar eżistenti identifikat permezz ta' stħarriġ online tal-partijiet ikkonċernati u ta' ħarsa ġenerali tas-suq sabiex tifhem il-mekkaniżmu ta' valutazzjoni u r-rekwiżiti wara l-immarrar u l-impatt tagħhom.
- (4) Il-Kummissjoni ikkonsultat gruppi rappreżentattivi ta' konsumaturi u wettqet test fuq il-post biex taċċerta li l-immarrar ikun effettiv u jinftehem malajr u b'hekk tiġi evitata informazzjoni qarrieqa.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Imballaġġ**Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "imballaġġ" tfisser imballaġġ għall-bejgħ u imballaġġ ta' prodotti fi gruppi kif iddefinit fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.⁽¹⁾ ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

*Artikolu 2***Speċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar**

1. L-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għall-assorbenti sanitarji (pads) u għat-tampuni u l-applikaturi tat-tampuni huma stabbiliti fl-Anness I.
2. L-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għall-wet wipes, jġigifieri wipes imxarrbin minn qabel tal-kura personali u għal użu domestiku huma stabbiliti fl-Anness II.
3. L-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għall-prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk huma stabbiliti fl-Anness III.
4. L-ispeċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għat-tazez għax-xorb huma stabbiliti fl-Anness IV.

*Artikolu 3***Lingwi**

It-test informattiv tal-immarrar għandu jinkiteb bil-lingwa uffiċjali jew bil-lingwi tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn il-prodott tal-plastik li jintuża darba biss jitqiegħed fis-suq.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-3 ta' Lulju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Speċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għal assorbenti sanitarji (pads), u għal tampuni u applikaturi tat-tampuni

1. L-imballaġġ tal-assorbenti sanitarji (pads), b'erja tas-superfiċje ta' 10 cm² jew aktar, għandu jkollu l-immarrar stampat li ġej:



Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar mhijiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li turi l-linja rqiqa bajda madwar l-immarrar b'kuntrast mal-paġna bajda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-immarrar tal-imballaġġ tal-assorbenti sanitarji (pads) li jitqiegħdu fis-suq qabel l-4 ta' Lulju 2022 jista' jitwajjal permezz ta' stikers.

2. L-imballaġġ tat-tampuni u tal-applikaturi tat-tampuni, b'erja tas-superfiċje ta' 10 cm² jew aktar, għandu jkollu l-immarrar stampat li ġej:



Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar mhijiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li turi l-linja rqiqa bajda madwar l-immarrar b'kuntrast mal-paġna bajda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-immarrar tal-imballaġġ tat-tampuni u tal-applikaturi tat-tampuni li jitqiegħdu fis-suq qabel l-4 ta' Lulju 2022 jista' jitwajjal permezz ta' stikers.

3. L-immarrar stabbilit fil-punti 1 u 2 għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt.

a. Pożizzjoni tal-immarrar

L-immarrar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, skont liema jkun jidher l-aktar ċar.

Meta l-immarrar tad-daqs minimu ma jkunx jista' joqgħod fl-intier tiegħu fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, jista' jitqiegħed parzjalment fuq żewġ naħat tal-imballaġġ, jiġifieri fuq quddiem u fuq in-naħa ta' fuq, jew fuq quddiem u fil-ġenb, skont liema jkun jidher l-aktar ċar.

Fejn ma jkunx possibbli li l-immarrar jitqiegħed orizzontalment minħabba l-forma jew id-daqs tal-imballaġġ, jista' jiddawwar 90° u jitqiegħed vertikalment.

Il-kaxxi tal-immarrar ma għandhomx ikunu separati.

Meta jinfetħ l-imballaġġ skont kwalunkwe istruzzjoni, l-immarrar jenħtieġ li ma jitqattax u li jkun jista' jibqa' jinqara.

b. Daqs tal-immarkar

L-immarkar għandu jkun magħmul minn żewġ kaxxi, waħda ħamra u waħda blu tal-istess daqs, li jitqiegħdu ħdejn xulxin, u kaxxa sewda rettangolari li jkun fiha t-test informattiv "IL-PRODOTT FIH IL-PLASTIK", imqiegħda taħt iż-żewġ kaxxi tal-istess daqs. Il-proporzjon bejn l-għoli u t-tul tal-immarkar għandu jkun 1:2.

Meta l-erja tan-naħa ta' quddiem jew tal-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ li fuqha jitqiegħed l-immarkar tkun inqas minn 65 cm², id-daqs minimu tal-immarkar għandu jkun 1,4 cm x 2,8 cm (3,92 cm²). Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-immarkar għandu jkopri mill-inqas 6 % tal-erja tas-superfiċje li jitqiegħed fuqha. Id-daqs massimu meħtieġ tal-immarkar għandu jkun ta' 3 cm x 6 cm (18-il cm²).

c. Disinn tal-immarkar

Id-disinn tal-immarkar għandu jiġi riprodott mingħajr ma jiżdied l-ebda effett, u mingħajr ma jiġu aġġustati l-kuluri jew jiġi mmanipulat jew estiż l-isfond. L-immarkar għandu jkun riprodott b'riżoluzzjoni minima ta' 300 tikka għal kull pulzier meta jiġi stampat fid-daqs proprju. L-immarkar għandu jkun imdawwar b'linja bajda rqiqqa.

It-test informattiv "IL-PRODOTT FIH IL-PLASTIK" għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 5 pt u massimu ta' 14-il pt.

Meta t-test informattiv jiġi tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, it-test informattiv tradott għandu jitqiegħed jew qrib l-immarkar, jew ġewwa l-kaxxa rettangolari s-sewda, taħt l-ewwel lingwa, u għandu jkun jidher ċar fiż-żewġ każijiet. F'każijiet eċċezzjonali minħabba restrizzjonijiet mil-lat ta' spazju fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, it-test informattiv tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri jista' jitqiegħed x'imkien ieħor fuq l-imballaġġ, qrib kemm jista' jkun tal-immarkar u fejn ikun jidher ċar. It-test informattiv tradott għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 5 pt u massimu ta' 14-il pt. Meta t-test informattiv f'lingwi addizzjonali jitqiegħed fil-kaxxa rettangolari s-sewda, jistgħu jsiru derogi mid-daqs massimu meħtieġ tal-immarkar.

Għandhom jintużaw il-kuluri li għandhom il-kodiċijiet tal-kuluri li ġejjin:

— Abjad: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 0

— Iswed: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 100

— Aħmar: C = 0/M = 90/Y = 60/K = 0

— Blu: C = 60/M = 0/Y = 0/K = 0

ANNEX II

Speċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għal wet wipes

1. L-imballaġġ tal-wet wipes (jiġifieri wipes imxarrbin minn qabel tal-kura personali u għal użu domestiku), b'erja tas-superfċje ta' 10 cm² jew aktar, għandu jkollu l-immarrar stampat li ġej:



Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar mhijiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li turi l-linja rqiqa bajda madwar l-immarrar b'kuntrast mal-paġna bajda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-immarrar tal-imballaġġ tal-wet wipes li jitqiegħdu fis-suq qabel l-4 ta' Lulju 2022 jista' jitwaħħal permezz ta' stickers.

2. L-immarrar għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt.

- a. Pożizzjoni tal-immarrar

L-immarrar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, skont liema jkun jidher l-aktar ċar.

Meta l-immarrar tad-daqs minimu ma jkunx jista' joqgħod fl-intier tiegħu fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, jista' jitqiegħed parzjalment fuq żewġ naħat tal-imballaġġ, jiġifieri fuq quddiem u fuq in-naħa ta' fuq, jew fuq quddiem u fil-ġenb, skont liema jkun jidher l-aktar ċar.

Fejn ma jkunx possibbli li l-immarrar jitqiegħed orizzontalment minħabba l-forma jew id-daqs tal-imballaġġ, jista' jiddawwar 90° u jitqiegħed vertikament.

Il-kaxxi tal-immarrar ma għandhomx ikunu separati.

Meta jinftaħ l-imballaġġ skont kwalunkwe istruzzjoni, l-immarrar jenħtieġ li ma jitqattax u li jkun jista' jibqa' jinqara.

- b. Daqs tal-immarrar

L-immarrar għandu jkun magħmul minn żewġ kaxxi, waħda ħamra u waħda blu tal-istess daqs, li jitqiegħdu ħdejn xulxin, u kaxxa sewda rettangolari li jkun fiha t-test informattiv "IL-PRODOTT FIH IL-PLASTIK" imqiegħda taħt iż-żewġ kaxxi tal-istess daqs. Il-proporzjon bejn l-għoli u t-tul tal-immarrar għandu jkun 1:2.

Meta l-erja tan-naħa ta' quddiem jew tal-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ li fuqha jitqiegħed l-immarrar tkun inqas minn 65 cm², id-daqs minimu tal-immarrar għandu jkun 1,4 cm x 2,8 cm (3,92 cm²). Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-immarrar għandu jkopri mill-inqas 6 % tal-erja tas-superfċje li jitqiegħed fuqha. Id-daqs massimu meħtieġ tal-immarrar għandu jkun ta' 3 cm x 6 cm (18-il cm²).

- c. Disinn tal-immarrar

Id-disinn tal-immarrar għandu jiġi riprodott mingħajr ma jiżdied l-ebda effett, u mingħajr ma jiġu aġġustati l-kuluri jew jiġi mmanipulat jew estiż l-isfond. L-immarrar għandu jkun riprodott b'riżoluzzjoni minima ta' 300 tikka għal kull pulzier meta jiġi stampat fid-daqs proprju. L-immarrar għandu jkun imdawwar b'linja bajda rqiqa.

It-test informattiv "IL-PRODOTT FIH IL-PLASTIK" għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 5 pt u massimu ta' 14-il pt.

Meta t-test informattiv jiġi tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, it-test informattiv tradott għandu jitqiegħed jew qrib l-immarrar, jew ġewwa l-kaxxa rettangolari s-sewda, taħt l-ewwel lingwa, u għandu jkun jidher ċar fiż-żewġ każijiet. F'każijiet eċċezzjonali minħabba restrizzjonijiet mil-lat ta' spazju fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, it-test informattiv tradott f'lingwa oħra jew

f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri jista' jitqiegħed x'imkien ieħor fuq l-imballaġġ, qrib kemm jista' jkun tal-immarrar u fejn ikun jidher ċar. It-test informattiv tradott għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 5 pt u massimu ta' 14-il pt. Meta t-test informattiv f'lingwi addizzjonali jitqiegħed fil-kaxxa rettangolari s-sewda, jistgħu jsiru derogi mid-daqs massimu meħtieġ tal-immarrar.

Għandhom jintużaw il-kuluri li għandhom il-kodiċijiet tal-kuluri li ġejjin:

- Abjad: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 0
 - Iswed: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 100
 - Aħmar: C = 0/M = 90/Y = 60/K = 0
 - Blu: C = 60/M = 0/Y = 0/K = 0
-

ANNEX III

Speċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għal prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk

1. Pakkett individwali kif definit fil-punt 30 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40/KE ("pakkett individwali") u ppakkjar estern kif definit fil-punt 29 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40/KE ("ippakkjar estern") għall-prodotti tat-tabakk bil-filtri b'erja tas-superfiċje ta' 10 cm² jew aktar; u l-imballaġġ għall-filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk b'erja tas-superfiċje ta' 10 cm² jew aktar għandu jkollu l-immarrar stampat li ġej:



Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar mhijiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li turi l-linja rqiqa bajda madwar l-immarrar b'kuntrast mal-paġna bajda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-immarrar ta' pakkett individwali u tal-imballaġġ estern għall-prodotti tat-tabakk bil-filtri u l-imballaġġ għall-filtri kummerċjalizzati għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk li jitqiegħdu fis-suq qabel l-4 ta' Lulju 2022, jista' jitwaħħal permezz ta' stikers.

2. L-immarrar għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt.

- a. Pożizzjoni tal-immarrar

- i. Prodotti tat-tabakk bil-filtri

L-immarrar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq il-wiċċ estern ta' wara tal-pakkett individwali u fuq l-imballaġġ ta' barra.

Meta l-immarrar tad-daqs minimu ma jkunx jista' joqgħod orizzontalment fuq il-wiċċ ta' wara ta' barra tal-pakkett individwali, jista' jiddawwar 90° u jitqiegħed vertikament fuq il-wiċċ ta' wara jew fuq kwalunkwe wiċċ laterali estern tal-pakkett individwali. Fil-każijiet kollha, għandu jkun viżibbli b'mod ċar.

Il-kaxxi tal-immarrar ma għandhomx ikunu separati.

L-immarrar ma għandu jfixkel bl-ebda mod il-viżibbiltà tat-twissijiet tas-saħħa meħtieġa mid-Direttiva 2014/40/UE.

L-immarrar ma għandux ikun mgħotti totalment jew parzjalment minn tikketti jew timbri oħra.

Meta jinfetaħ il-pakkett individwali u l-imballaġġ estern skont kwalunkwe struzzjoni, l-immarrar jenħtieġ li ma jitqattax u li jkun jista' jibqa' jinqara.

- ii. Filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk

L-immarrar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, skont liema jkun jidher l-aktar ċar.

Meta l-immarrar tad-daqs minimu ma jkunx jista' joqgħod fl-intier tiegħu fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, jista' jitqiegħed orizzontalment parzjalment fuq żewġ naħat tal-imballaġġ, jiġifieri fuq quddiem u fuq in-naħa ta' fuq, jew fuq quddiem u fil-ġenb, skont liema jkun jidher l-aktar ċar.

Fejn ma jkunx possibbli li l-immarrar jitqiegħed orizzontalment minħabba l-forma jew id-daqs tal-imballaġġ, jista' jiddawwar 90° u jitqiegħed vertikament.

Il-kaxxi tal-immarrar ma għandhomx ikunu separati.

Meta jinfetaħ l-imballaġġ skont kwalunkwe istruzzjoni, l-immarrar jenħtieġ li ma jitqattax u li jkun jista' jibqa' jinqara.

b. Daqs tal-immarrkar

L-immarrkar għandu jkun magħmul minn żewġ kaxxi, waħda ħamra u waħda blu tal-istess daqs, li jitqiegħdu ħdejn xulxin, u kaxxa sewda rettangolari li jkun fiha t-test informattiv "IL-FILTRU FIH IL-PLASTIK" imqiegħda taħt iż-żewġ kaxxi tal-istess daqs. Il-proporzjon bejn l-għoli u t-tul tal-immarrkar għandu jkun 1:2.

i. Prodotti tat-tabakk bil-filtri

Meta l-erja tal-wiċċ ta' wara ta' barra tal-pakkett individwali tkun inqas minn 65 cm², id-daqs minimu tal-immarrkar għandu jkun 1,4 cm x 2,8 cm (3,92 cm²). Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-immarrkar għandu jkopri mill-inqas 6 % tal-erja tas-superfċje li jitqiegħed fuqha. Id-daqs massimu meħtieġ tal-immarrkar għandu jkun ta' 3 cm x 6 cm (18-il cm²).

ii. Għal filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk

Meta l-erja tan-naħa ta' quddiem jew tal-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ li fuqha jitqiegħed l-immarrkar tkun inqas minn 65 cm², id-daqs minimu tal-immarrkar għandu jkun 1,4 cm x 2,8 cm (3,92 cm²). Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-immarrkar għandu jkopri mill-inqas 6 % tal-erja tas-superfċje li jitqiegħed fuqha. Id-daqs massimu meħtieġ tal-immarrkar għandu jkun ta' 3 cm x 6 cm (18-il cm²).

c. Disinn tal-immarrkar

Id-disinn tal-immarrkar għandu jiġi riprodott mingħajr ma jiżdied l-ebda effett, u mingħajr ma jiġu aġġustati l-kuluri jew jiġi mmanipulat jew estiż l-isfond. L-immarrkar għandu jkun riprodott b'riżoluzzjoni minima ta' 300 tikka għal kull pulzier meta jiġi stampat fid-daqs proprju. L-immarrkar għandu jkun imdawwar b'linja bajda rqiqqa.

It-test informattiv "IL-FILTRU FIH IL-PLASTIK" għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 5 pt u massimu ta' 14-il pt.

Meta t-test informattiv jiġi tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, it-test informattiv tradott għandu jitqiegħed jew qrib l-immarrkar, jew ġewwa l-kaxxa rettangolari s-sewda, taħt l-ewwel lingwa, u għandu jkun jidher ċar fiż-żewġ każijiet. F'każijiet eċċezzjonali minħabba restrizzjonijiet mil-lat ta' spazju fuq in-naħa ta' quddiem jew fuq il-wiċċ ta' fuq ta' barra tal-imballaġġ, it-test informattiv tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri jista' jitqiegħed x'imkien ieħor fuq l-imballaġġ, qrib kemm jista' jkun tal-immarrkar u fejn ikun jidher ċar. It-test informattiv tradott għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas 5 pt u massimu ta' 14-il pt. Meta t-test informattiv f'lingwi addizzjonali jitqiegħed fil-kaxxa rettangolari s-sewda, jistgħu jsiru derogi mid-daqs massimu meħtieġ tal-immarrkar.

Għandhom jintużaw il-kuluri li għandhom il-kodiċijiet tal-kuluri li ġejjin:

— Abjad: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 0

— Iswed: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 100

— Aħmar: C = 0/M = 90/Y = 60/K = 0

— Blu: C = 60/M = 0/Y = 0/K = 0

ANNEX IV

Speċifikazzjonijiet armonizzati ta' mmarrar għal tazez għax-xorb

1. It-tazez għax-xorb magħmula parzjalment mill-plastik għandu jkollhom l-immarrar stampat li ġej:



Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar mhijiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li turi l-linja rqiqa bajda madwar l-immarrar b'kuntrast mal-paġna bajda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-immarrar tat-tazez għax-xorb magħmula parzjalment mill-plastik u li jitqiegħdu fis-suq qabel l-4 ta' Lulju 2022, jista' jitwaħħal permezz ta' stikers.

2. It-tazez għax-xorb magħmulin kompletament mill-plastik għandu jkollhom jew l-immarrar stampat li ġej jew l-immarrar imnaqqax/imbuzzat li ġej:

Stampat

Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar mhijiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li ttiprovdi kuntrast mal-paġna l-bajda.

Permezz ta' deroga mill-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-immarrar tat-tazez għax-xorb magħmula kompletament mill-plastik u li jitqiegħdu fis-suq qabel l-4 ta' Lulju 2022, jista' jitwaħħal permezz ta' stikers.

Imnaqqax/imbuzzat

Nota: il-linja s-sewda madwar l-immarrar u l-isfond il-griż mhumiex parti minnu. L-uniku għan tagħha huwa li ttiprovdi kuntrast mal-paġna l-bajda.

3. L-immarrar għat-tazez għax-xorb magħmulin parzjalment mill-plastik għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt.

a. Pożizzjoni tal-immarrar

i. Tazez tradizzjonali:

L-immarrar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq il-wiċċ ta' barra tat-tazza lil hinn mix-xifer sabiex jiġi evitat il-kuntatt ma' ħalq il-konsumatur meta jkun qed jixrob. L-immarrar ma għandux jitqiegħed taħt il-bażi tat-tazza.

ii. Tazez tax-xampanja:

L-immarkar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq il-wiċċ ta' barra tat-tazza, inkluż in-naħa ta' fuq tal-bażi li żżomm is-sieq. L-immarkar għandu jitqiegħed lil hinn mix-xifer sabiex jiġi evitat il-kuntatt ma' ħaq il-konsumatur meta jkun qed jixrob. L-immarkar ma għandux jitqiegħed taħt il-bażi tat-tazza.

Fejn ma jkunx possibbli li l-immarkar jitqiegħed orizzontalment minħabba l-forma jew id-daqs tat-tazza, jista' jiddawwar 90° u jitqiegħed vertikalment.

Il-kaxxi tal-immarkar ma għandhomx ikunu separati.

b. Daqs tal-immarkar

L-immarkar għandu jkun magħmul minn żewġ kaxxi, waħda ħamra u waħda blu tal-istess daqs, li jitqiegħdu ħdejn xulxin, u kaxxa sewda rettangolari li jkun fiha t-test informattiv "IL-PRODOTT FIH IL-PLASTIK" imqiegħda taħt iż-żewġ kaxxi tal-istess daqs. Il-proporzjon bejn l-għoli u t-tul tal-immarkar għandu jkun 1:2.

Għat-tazez b'volum ta' inqas minn 500 ml, id-daqs minimu tal-immarkar għandu jkun ta' 1,4 cm x 2,8 cm (3,92 cm²).

Għat-tazez b'volum ta' 500 ml jew aktar, id-daqs minimu tal-immarkar għandu jkun ta' 1,6 cm x 3,2 cm (5,12 cm²).

c. Disinn tal-immarkar

Id-disinn tal-immarkar għandu jiġi riprodott mingħajr ma jiżdied l-ebda effett, u mingħajr ma jiġu aġġustati l-kuluri jew jiġi mmanipulat jew estiż l-isfond. L-immarkar għandu jkun riprodott b'riżoluzzjoni minima ta' 300 tikka għal kull pulzier meta jiġi stampat fid-daqs proprju. L-immarkar għandu jkun imdawwar b'linja bajda rqiqqa.

It-test informattiv "IL-PRODOTT FIH IL-PLASTIK" għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas ta' 5 pt għat-tazez ta' inqas minn 500 ml u ta' 6 pt għat-tazez ta' 500 ml jew aktar.

Meta t-test informattiv jiġi tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, it-test informattiv tradott għandu jitqiegħed jew qrib l-immarkar, jew ġewwa l-kaxxa rettangolari s-sewda, taħt l-ewwel lingwa, u għandu jkun jidher ċar fiż-żewġ każijiet. F'każijiet eċċezzjonali minħabba restrizzjonijiet mil-lat ta' spazju fuq il-wiċċ ta' barra tat-tazza, it-test informattiv tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri jista' jitqiegħed x'imkien ieħor fuq it-tazza, qrib kemm jista' jkun tal-immarkar u fejn ikun jidher ċar. It-test informattiv tradott għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas ta' 5 pt għat-tazez ta' inqas minn 500 ml u ta' 6 pt għat-tazez ta' 500 ml jew aktar. Meta t-test informattiv f'lingwi addizzjonali jitqiegħed fil-kaxxa rettangolari sewda, huma possibbli derogi mid-daqs massimu meħtieġ tal-immarkar.

Għandhom jintużaw il-kuluri li għandhom il-kodiċijiet tal-kuluri li ġejjin:

— Abjad: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 0

— Iswed: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 100

— Aħmar: C = 0/M = 90/Y = 60/K = 0

— Blu: C = 60/M = 0/Y = 0/K = 0

4. L-immarkar tat-tazez għax-xorb magħmulin kollha kemm huma mill-plastik għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt

a. Pożizzjoni tal-immarkar

i. Tazez tradizzjonali

L-immarkar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq il-wiċċ ta' barra tat-tazza, fil-post fejn ikun jidher l-aktar ċar. L-immarkar ma għandux jitqiegħed taħt il-bażi tat-tazza. Meta jkun stampat, l-immarkar għandu jitqiegħed lil hinn mix-xifer sabiex jiġi evitat il-kuntatt ma' ħaq il-konsumatur meta jkun qed jixrob. Fil-każ ta' tazez li mhumiex lixxi, l-immarkar ma għandux jiġi mnaqqax/imbuzzat fuq il-biċċiet li jidħlu 'l ġewwa.

ii. Tazez tax-xampanja

L-immarkar għandu jitqiegħed orizzontalment fuq il-wiċċ ta' barra tat-tazza, inkluż in-naħa ta' fuq tal-bażi li żżomm is-sieq, fil-post fejn ikun jidher l-aktar ċar. L-immarkar ma għandux jitqiegħed taħt il-bażi tat-tazza. Meta jkun stampat, l-immarkar għandu jitqiegħed lil hinn mix-xifer sabiex jiġi evitat il-kuntatt ma' ħalq il-konsumatur meta jkun qed jixrob. Fil-każ ta' tazez li mhumiex lixxi, l-immarkar ma għandux jiġi mnaqqax/imbuzzat fuq il-biċċiet li jidħlu 'l għewwa.

Fejn ma jkunx possibbli li l-immarkar jitqiegħed orizzontalment minħabba l-forma jew id-daqs tat-tazza, jista' jiddawwar 90° u jitqiegħed vertikament.

b. Daqs tal-immarkar

L-immarkar għandu jkollu forma rettangolari u l-proporzjon bejn l-għoli u t-tul huwa ta' 1:2.

Għat-tazez b'volum ta' inqas minn 500 ml, id-daqs minimu tal-immarkar għandu jkun ta' 1,4 cm x 2,8 cm (3,92 cm²).

Għat-tazez b'volum ta' 500 ml jew aktar, id-daqs minimu tal-immarkar għandu jkun ta' 1,6 cm x 3,2 cm (5,12 cm²).

c. Disinn tal-immarkar

i. Stampat:

Id-disinn tal-immarkar għandu jiġi riprodott b'linka sewda mingħajr ma jiżdied l-ebda effett jew mingħajr ma jiġi mmanipulat jew estiż l-isfond. L-immarkar għandu jkun riprodott b'riżoluzzjoni minima ta' 300 tikka għal kull pulzier meta jiġi stampat fid-daqs proprju. Jenħtieġ li l-immarkar ikun jikkuntrasta b'mod qawwi biżżejjed mal-isfond biex ikun jista' jinqara sew. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-kontorn tal-immarkar ikun stampat f'wieħed minn dawn il-kuluri.

— Abjad: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 0

— Iswed: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 100

— Aħmar: C = 0/M = 90/Y = 60/K = 0

— Blu: C = 60/M = 0/Y = 0/K = 0

ii. Imnaqqax/imbuzzat:

Id-disinn tal-immarkar għandu jiġi riprodott mingħajr ma jiżdiedu effetti jew mingħajr ma jiġi mmanipulat jew estiż l-isfond. Il-kontorn abjad kif muri fl-immarkar taħt il-punt 1.2 ta' dan l-Anness jirrappreżenta l-linji li għandhom jiġu mnaqqax jew imbuzzati fuq it-tazza.

It-test informattiv "MAGĦMUL MILL-PLASTIK" għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas ta' 5 pt għat-tazez ta' inqas minn 500 ml u ta' 6 pt għat-tazez ta' 500 ml jew aktar.

Meta t-test informattiv jiġi tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, it-test informattiv tradott għandu jitqiegħed jew qrib l-immarkar, jew għewwa l-kaxxa rettangolari s-sewda, taħt l-ewwel lingwa, u għandu jkun jidher ċar fiż-żewġ każijiet. F'każijiet eċċezzjonali minħabba restrizzjonijiet mil-lat ta' spazju fuq il-wiċċ ta' barra tat-tazza, it-test informattiv tradott f'lingwa oħra jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Istati Membri jista' jitqiegħed x'imkien ieħor fuq it-tazza, qrib kemm jista' jkun tal-immarkar u fejn ikun jidher ċar. It-test informattiv tradott għandu jkun b'ittri kapitali u bit-tipa Helvetica Bold. Id-daqs tat-tipa għandu jkun mill-inqas ta' 5 pt għat-tazez ta' inqas minn 500 ml u ta' 6 pt għat-tazez ta' 500 ml jew aktar.

Meta jkun stampat, għandhom jintużaw il-kuluri li għandhom il-kodiċijiet tal-kuluri li ġejjin:

— Abjad: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 0

— Iswed: C = 0/M = 0/Y = 0/K = 100